**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 120/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**
**vs**
**Ronald Mallia**

**Illum 11 t' Ottubru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Ronald Mallia iben John u Maria nee Zammit, imwieled gewwa l- Pieta fis- 7 ta' Ottubru 1987, residenti gewwa 235, Constitution street, Mosta. Detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 474287M

Akkuzat talli:

1. Bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2018, gewwa dawn il- gzejjer f' San Pawl il- bahar , ikkometta serq ghad-detriment ta' Jonathan Mangion u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorti tal-haga misruqa.

2. Fix-xahar ta' Frar 2018, gewwa dawn il- gzejjer b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz , jew billi nqdejt b' qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b ' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor.

3. Fix-xahar ta' Frar 2018, gewwa dawn il- gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l- kunsinna ta' ogetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal- Gvern.

4. Fix-xahar ta' Frar 2018, gewwa dawn il- gzejjer ghamilt falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil- firem, billi tohloq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dan il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

5. Fil-25 ta' Marzu 2018 f' San Pawl il- Baħar, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklusiv tieghu.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 17 ta' Settembru, 2020.

Semghet ix-xhieda ta' Jonathan Mangion, l-Ispettur Nicholas Vella, Stephen Vella, Joanna Bartolo, WPS 264 illum PS2264 Gabria Gatt, PS 1026 Brandon Gauci, PS 788 Keith Scerri, Dr. Godwin Sammut, Joannatolo, Anton Zammit, Josephine Curmi, Dr. Godwin Sammut.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, dikjarazzjoni ghad-dritt tal-parir legali, stqarrija, rapport tal- incident, DOK NV 1, DOK NV 2, DOK NV 3 DOK TM 1, DOK BG 1 DOK BG 2, DOK GS 1.

**Ikkunsidrat**

**Decide**

**Fuq ammissjoni cara u inekwivida ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu. Rat id-dikjarazzjoni ta' l-ufficjal prosekutur, ghalkemm ma' tarax li jkun idenju li tinghata piena ta' habseffetivi.**
**Issibu hati tapplika l-Artikolu 7 tal- Kap 46. Tqieghd lill-hati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' 3 snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**